Nru.

PROSPETT

OFFERTA TA' ROLLOVER LID-DETENTURI TAT-62+ SAVINGS BOND TAL-GVERN TA' MALTA - ĦRUĠ 2021 B'IMGĦAX TA' 3.00% FIS-SENA FI ĦRUĠ ĠDID TAT-62+ SAVINGS BOND TAL-GVERN TA' MALTA – ĦRUĠ 2026 B'IMGĦAX TA' 3.50% FIS-SENA

Sommarju tat-termini prinċipali tar-Rollover

Din is-sezzjoni hija introduzzjoni għal dan il-prospett. Kull deċiżjoni sabiex wieħed jipparteċipa f'dan ir-Rollover għandha tkun ibbażata fuq il-kontenut tal-prospett sħiħ.

Emittent tal-Bond: il-Gvern ta' Malta

Deskrizzjoni tar-Rollover: Fid-data tal-maturità, l-15 ta' Ottubru 2026, id-detenturi eżistenti tat-62+ Savings Bond tal-Gvern ta' Malta – Ħruġ 2021 (il-Bond li ser Jimmatura) jistgħu iġeddu l-ammont li ser Jimmatura f'Bond ġdid tat-62+ Savings Bond tal-Gvern ta' Malta – Ħruġ 2026;

X'inhuma t-Termini tal-Bdil? Kull €100 nominali tal-Bond li ser Jimmatura jinbidel ma' €100 nominali tal-Bond il-Ġdid. Il-Bond il-Ġdid għandu l-istess termini u kondizzjonijiet bħall-Bond li ser Jimmatura, ħlief **għar-rata tal-imgħax li ġiet aġġornata għal 3.50% fis-sena;**

Min jista' jipparteċipa fir-Rollover? Detenturi eżistenti tat-62+ Savings Bond tal-Gvern ta' Malta – Ħruġ 2021 li isimhom jidher fir-reġistru f'għeluq il-ġurnata ta' negozju tal-Ġimgħa, 4 ta' Settembru 2026, (id-Data Cut-off), esklużi detenturi li applikaw għall-fidwa bikrija tal-kapital li jmiss iħallas fil-5 ta' Ottubru 2026;

Kemm hu l-ammont li jista' jerġa' jiġi investit? L-applikanti eliġibbli jistgħu biss iġeddu l-ammont sħiħ tal-Bond li ser Jimmatura;

Sommarju tat-termini ewlenin tal-Bond il-Ġdid

Titolu tal-Bond: 62+ Savings Bond tal-Gvern ta' Malta – Ħruġ 2026;

ISIN: MT4000010101;

Tip tal-Bond il-Ġdid: Bond b'rata ta' mgħax fissa;

Terminu: 5 Snin;

Rata ta' Mgħax (kupun): 3.50% fis-sena;

No.

PROSPECTUS

OFFER OF ROLLOVER TO BONDHOLDERS OF 62+ MALTA GOVERNMENT SAVINGS BOND – ISSUE 2021 AT THE RATE OF 3.00% PER ANNUM TO A NEW 62+ MALTA GOVERNMENT SAVINGS BOND - ISSUE 2026 AT THE RATE OF 3.50% PER ANNUM

Summary of the main terms of the Rollover

This section is an introduction to the Prospectus. Any decision to participate in the Rollover should be based on consideration of the prospectus in its entirety.

Issuer of Bond: Government of Malta

Rollover Description: On the date of maturity, 15 October 2026, the existing bondholders of the 62+ Malta Government Savings Bond – Issue 2021, (the Maturing Bond) may reinvest the maturing proceeds into a new 62+ Malta Government Savings Bond – Issue 2026;

What are the Terms of the Exchange? Each €100 nominal of the Maturing Bond will be exchanged for €100 nominal of the New Bond. The New Bond carries the same terms as the Maturing Bond, except for the updated interest rate of 3.50% per annum;

Who can participate in the Rollover? Existing Bondholders of the 62+ Malta Government Savings Bond – Issue 2021 whose name appears on the register at close of business of Friday, 4 September 2026 (the Cut-off Date), excluding holders who have applied for the early redemption of principal in the upcoming early redemption payment cycle which settles on 5 October 2026;

How much can be reinvested? Eligible applicants can only reinvest the full amount of the Maturing Bond;

Summary of the main terms of the New Bond

Title of the Bond: 62+ Malta Government Savings Bond – Issue 2026;

ISIN: MT4000010101;

Type of the new Bond: Fixed rate Bond;

Term: 5 Years;

Interest rate (coupon): 3.50% per annum

Dati tal-ħlas tal-imgħax: imgħax jitħallas kull sitt (6) xhur b'lura fil-15 ta' April u fil-15 ta' Ottubru ta' kull sena matul it-terminu tal-Bond; l-ewwel imgħax dovut jitħallas fil-15 ta' April 2027;

Mhux trasferibbli: Il-Bond ma jistax jiġi negozjat, assenjat jew trasferit lil xi individwu ieħor jew persuna legali u ma jistax jingħata bħala rahan;

Proċess tal-applikazzjoni tar-Rollover: L-applikanti eliġibli ser jirċievu bil-posta Applikazzjoni preskritta mill-Accountant General. Dawk li jagħżlu li jġeddu l-investiment għandhom jiffirmaw l-Applikazzjoni u jibagħtuha lir-Reġistratur fl-envelop bl-indirizz tar-Reġistratur hekk kif ipprovdut mal-Applikazzjoni. L-Applikazzjoni trid tintbagħat sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa, it-2 ta' Ottubru 2026;

Data tal-Maturità: 15 ta' Ottubru 2031;

X'jiġri meta jintemm it-terminu tal-investiment? It-62+ Savings Bond tal-Gvern ta' Malta - Ħruġ 2026 huwa ħruġ speċjali u għalhekk m'hemm l-ebda assigurazzjoni li jkun hemm ħruġ ieħor meta l-Bond jitħallas lura fil-15 ta' Ottubru 2031.

Termini (Pattijiet) u Kondizzjonijiet

1. Applikazzjoni u Interpretazzjoni

(a) lt-62+ Savings Bond tal-Gvern ta' Malta - Ħruġ 2026 huwa strument ta' dejn għall-investitur mhux professjonali (retail investor), offrut mill-Accountant General taħt l-Att dwar Self tal-Gvern u l-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku (Kap. 575 tal-Liġijiet ta' Malta) u regolat mir-Regolamenti dwar ir-Retail Savings Bonds tal-Gvern ta' Malta (ir-Regolamenti) kif emendati u promulgati mill-ġdid minn żmien għal żmien.

(b) Dan il-prospett qed jiġi ppubblikat f'konformità mal-artikolu 25 (3) tal-Att dwar Self tal-Gvern u l-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku u r-Regolament 4 tar-Regolamenti. Dan il-prospett flimkien mal-Att dwar Self tal-Gvern u l-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku u r-Regolamenti dwar ir-Retail Savings Bonds tal-Gvern ta' Malta jiffurmaw il-bażi legali ta' dan il-ħruġ.

2. Tifsir

F'dawn it-termini u kondizzjonijiet:

(a) "Accountant General" tfisser l-Accountant General tal-Gvern ta' Malta li jmexxi d-Dipartiment tat-Teżor.

(b) "Detentur" tfisser individwu li f'ismu il-Bond jitniżżel fir-reġistru.

Interest payment dates: interest payable semi-annually in arrears on 15 April and 15 October of each year during the term of the Bond; first interest payment due on 15 April 2027;

Not Transferable: The Bond cannot be negotiated, assigned, or transferred onto any other individual or legal person and cannot be pledged;

Application Process for the Rollover: Eligible applicants shall receive an Application Form by post from the Accountant General. Those who voluntary elect to roll over their holdings are to sign the Application Form and send it to the Registrar in the self-addressed envelope provided, by not later than close of business of Friday, 2 October 2026;

Maturity Date: 15 October 2031;

What happens at the end of the investment term? The Malta Government Savings Bond – Issue 2026 is a special issue and therefore there is no assurance that another 62+ Malta Government Savings Bond will be available when the Bond is repaid on 15 October 2031.

Terms and Conditions

1. Application and Interpretation

(a) The 62+ Malta Government Savings Bond - Issue 2026 is a retail debt instrument offered by the Accountant General under the Government Borrowing and Management of Public Debt Act (Cap. 575 of the Laws of Malta) and regulated by the Malta Government Retail Savings Bonds Regulations (the Regulations) as amended or re-enacted from time to time.

(b) This prospectus is being published in accordance with article 25 (3) of the Government Borrowing and Management of Public Debt Act and regulation 4 of the Regulations. This prospectus in conjunction with the Government Borrowing and Management of Public Debt Act and Malta Government Retail Savings Bonds Regulations form the legal basis of this Bond issuance.

2. Definitions

In these terms and conditions:

(a) "Accountant General" means the Accountant General of the Government of Malta who heads the Treasury Department.

(b) "Bondholder" means an individual in whose name the Bond is registered.

(c) "Bond Ġdid" ifisser it-62+ Savings Bond tal-Gvern ta' Malta - Ħruġ 2026 (ISIN: MT4000010101) li ser jiġi maħluq bi bdil mal-Bond tat-62+ Savings Bond tal-Gvern ta' Malta - Ħruġ 2021 (ISIN: MT4000010069).

(d) "Ġurnata ta' negozju" tfisser ġurnata li ma tkunx is-Sibt, festa nazzjonali jew pubblika kif elenkati fl-artikoli 2 u 5(1) tal-Att dwar il-Festi Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra, vaganza bankarja, kif dikjarata skont l-artikolu 3(2)(b) tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, jew ġurnata meta s-sistema Trans-European Automated Real-time Gross Settlement Express Transfer (TARGET), li hija proprjetà u operata mill-Eurosistema, tkun magħluqa għan-negozju, kif tista' tiġi ppubblikata fuq is-sit elettroniku tal-Bank Ċentrali Ewropew; (www.ecb.europa.eu).

(e) "Applikanti Eliġibbli" tfisser detenturi li isimhom deher fir-reġistu tat-62+ Savings Bond tal-Gvern ta' Malta – Ħruġ 2021 f'għeluq il-ġurnata ta' negozju tal-Ġimgħa, 4 ta' Settembru 2026, (id-Data Cut-Off), esklużi detenturi li ssottomettew applikazzjoni għall-fidwa bikrija tal-kapital li l-pagament tagħhom li jmiss isir fil-5 ta' Ottubru 2026.

(f) "Bond li ser Jimmatura" tfisser it-62+ Savings Bond tal-Gvern ta' Malta – Ħruġ 2021 (ISIN MT4000010069) li jimmatura fil-15 ta' Ottubru 2026.

(g) "Data tal-maturità" hi d-data meta l-Bond jitħallas lura.

(h) "Registration Manager" tfisser istituzzjoni finanzjarja appuntata mill-Accountant General skont it-termini tal-Artikolu 24(2) sabiex tiġġestixxi ir-Rollover f'isem it-Teżor.

(i) "Regolamenti" il-kelma regolamenti f'dan il-prospett tfisser ir-regolamenti dwar ir-Retail Savings Bonds tal-Gvern ta' Malta.

(j) "Talbiet" tfisser il-ħlas lura tal-kapital kif ukoll l-imgħax fuq il-Bond il-Ġdid.

(k) "Rollover" tfisser il-proċess li bih id-detenturi tal-Bond li ser Jimmatura jġeddu volontarjament l-investiment tagħhom tat-62+ Savings Bond tal-Gvern ta' Malta – Ħruġ 2021, fil-Bond il-ġdid.

3. L-Offerta ta' Rollover

(a) l-Accountant General jistieden lill-applikanti eliġibbli li għandhom it-62+ Savings Bond tal-Gvern ta' Malta – Ħruġ 2021, sabiex b'mod volontarju iġeddu l-ammont kollu f'Bond ġdid, it-62+ Savings Bond tal-Gvern ta' Malta – Ħruġ 2026 (il-"Bond il-Ġdid"), fid-data tal-maturità tal-Bond li ser Jimmatura, fil-15 ta' Ottubru 2026.

(c) "New Bond" means, the 62+ Malta Government Savings Bond – Issue 2026 (ISIN: MT4000010101) created in exchange for the maturing 62+ Malta Government Savings Bond – Issue 2021 (ISIN: MT4000010069).

(d) "Business day" means a day other than a Saturday, a national or public holiday listed in articles 2 and 5(1) of the National Holidays and other Public Holidays Act, a bank holiday as declared under article 3(2)(b) of the Banking Act, or a day when the Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer System (TARGET), owned and operated by the Eurosystem, is closed for business as may be published on the European Central Bank's website; (www.ecb.europa.eu).

(e) "Eligible Applicants" means Bondholders whose names appeared on the register of the 62+ Malta Government Savings Bond – Issue 2021 at close of business of Friday, 4 September 2026 (Cut-Off Date), excluding holders who have submitted an application for the early redemption of principal in the upcoming early redemption payment scheduled for 5 October 2026.

(f) "Maturing Bond": means the 62+ Malta Government Savings Bond – Issue 2021 (ISIN MT4000010069) which matures on 15 October 2026.

(g) "Maturity date" means the date when the Bond falls due for repayment.

(h) "Registration Manager" means the financial institution appointed by the Accountant General in terms of Article 24(2) to manage the Rollover on behalf of the Treasury.

(i) "Regulations" the word regulations in this prospectus means the Malta Government Retail Savings Bonds Regulations.

(j) "Claims" mean the principal repayment and the interest payable on the New Bond.

(k) "Rollover" means the process by which holders of the Maturing Bond voluntary convert their holdings in the 62+ Malta Government Savings Bond – Issue 2021 into the New Bond.

3. Rollover's Offer

(a) The Accountant General invites eligible applicants holding the maturing 62+ Malta Government Savings Bond – Issue 2021 to voluntarily roll over their full holdings into the new 62+ Malta Government Savings Bond – Issue 2026 (the "New Bond") on the maturity date of the Maturing Bond, 15 October 2026.

(b) Ir-Rollover tal-Bond li ser Jimmatura huwa soġġett għall-kondizzjoni li l-Bond huwa ħieles minn kull forma ta' xkiel.

(c) Id-detenturi tal-Bond li ser Jimmatura u li ma jixtiequx iġeddu l-Bond ma jridu jagħmlu xejn u ser jirċievu ħlas lura tal-kapital fid-data tal-fidwa, fil-15 ta' Ottubru 2026.

(d) Fid-data tal-maturità, it-Teżor ser jifdi l-ammont nominali kollu tat-62+ Savings Bond tal-Gvern ta' Malta – Ħruġ 2021. L-ammont nominali tad-detenturi li għażlu li jġeddu, ser jiġi konvertit f'Bond Ġdid, tat-62+ Savings Bond tal-Gvern ta' Malta – Ħruġ 2026. Kull ammont li ma ġiex imġedded ser jitħallas lura lid-detenturi rispettivi fil-kont bankarju (IBAN) fejn jirċievu l-imgħax hekk kif miżmum fir-reġistru tal-Borża ta' Malta fid-Data Cut-off.

4. Eliġibilità

(a) L-applikanti eliġibbli li jistgħu iġeddu l-investiment li ser jimmatura f'Bond Ġdid huma d-detenturi eżistenti tat-62+ Savings Bond tal-Gvern ta' Malta – Ħruġ 2021 li isimhom jidher fir-reġistru ta' dan il-Bond f'għeluq il-ġurnata ta' negozju tal-Ġimgħa, l-4 ta' Settembru 2026, (id-Data Cut-off), ħlief għal dawk id-detenturi li applikaw għall-ħlas bikri tal-kapital li pagament tagħhom li jmiss isir fil-5 ta' Ottubru 2026.

(b) Id-detenturi eliġibbli jridu jaqblu li jġeddu l-ammont sħiħ u ma jistgħux japplikaw b'ammont fil-Bond il-Ġdid li jkun aktar jew anqas mill-ammont nominali li kellhom investit fil-Bond li ser Jimmatura.

5. Termini tal-Bdil tal-Bond

Kull €100 nominali tal-Bond li ser Jimmatura jinbidel ma' €100 nominali tal-Bond il-Ġdid. B' hekk id-detenturi tal-Bond li jagħżlu li jġeddu, ser jirċievu l-istess valur nominali li kellhom fil-Bond li ser Jimmatura, fil-Bond il-Ġdid tat-62+ Savings Bond tal-Gvern ta' Malta – Ħruġ 2026.

6. Ħolqien ta' Bond il-Ġdid 62+ Savings Bond tal-Gvern ta' Malta – Ħruġ 2026

B'effett mill-15 ta' Ottubru 2026, l-ammont nominali mġedded mid-detenturi tal-Bond li ser Jimmatura jiġi konvertit f'Bond Ġdid, it-62+ Savings Bond tal-Gvern ta' Malta – Ħruġ 2026. Il-Bond il-Ġdid għandu l-istess termini bħall-Bond li ser Jimmatura, ħlief għar-rata tal-imgħax aġġornata għall-3.50% fis-sena.

7. Ħlasijiet ta' mgħax

(a) It-62+ Savings Bond tal-Gvern ta' Malta – Ħruġ 2026 iħallas rata ta' mgħax fissa ta' 3.50% fis-sena għat-terminu

(b) The Rollover of the Maturing Bond is subject to the condition that the Bond is free from all liens and charges and with all the rights now or hereafter attached to it.

(c) Bondholders of the Maturing Bond who do not wish to roll over their holdings are not required to take any action and will receive the full redemption proceeds on the scheduled maturity date of 15 October 2026.

(d) On the maturity date, the Treasury shall redeem all the outstanding nominal amounts of the 62+ Malta Government Savings Bond – Issue 2021. The nominal amount of the Bondholders who have elected to roll over their holdings shall be converted into a new 62+ Bond – Issue 2026. Any remaining balances not rolled over will be paid out and credited to the respective Bondholders' by credit transfer to the IBAN registered with the Malta Stock Exchange as at the Cut-off Date.

4. Eligibility

(a) The eligible applicants who may roll over the maturing proceeds into the New Bond are those individuals whose names appear on the register of the 62+ Malta Government Savings Bond – Issue 2021 at close of business on Friday, 4 September 2026 (the Cut-off Date) excluding holders who have submitted an application for the early redemption of principal in the upcoming early redemption payment due on 5 October 2026.

(b) The eligible bondholders must agree to roll over the full amount of their holding and shall not be allowed to apply for any amount in the New Bond that either exceeds or falls short of the nominal amount held in the Maturing Bond.

5. Terms of the Bond Exchange:

Each €100 nominal of the Maturing Bond will be exchanged for €100 nominal of the New Bond. Bondholders electing to roll over will thus receive the same nominal value they held in the Maturing Bond, in the New Bond of the 62+ Malta Government Savings Bond – Issue 2026 as they held in the Maturing Bond.

6. Creation of the New 62+ Malta Government Savings Bond – Issue 2026

With effect from the 15 October 2026, the nominal amount rolled over shall be converted into the New Bond, the 62+ Malta Government Savings Bond – Issue 2026. The New Bond carries the same terms as the Maturing Bond, except for the updated interest rate of 3.50% per annum.

7. Payment of Interest

(a) The 62+ Malta Government Savings Bond – Issue 2026 pays a fixed rate of interest of 3.50% per annum for the sħiħ ta’ ħames snin tal-Bond, jiġifieri mill-15 ta’ Ottubru 2026 (data tal-ħruġ) sal-aħħar ġurnata li tiġi immedjatament qabel id-data tal-fidwa tal-Bond, ifissata għall-15 ta’ Ottubru 2031. L-imgħax jitħallas kull sitt (6) xhur b’lura fil-15 ta’ April u fil-15 ta’ Ottubru ta’ kull sena tul it-terminu tal-Bond.

(b) l-ewwel ħlas ta’ mgħax ta’ sitt (6) xhur bir-rata ta’ 1.75% li jkopri l-perjodu mill-15 ta’ Ottubru 2026 (data tal-ħruġ) sal-14 ta’ April 2027 (iż-żewġ dati inklużi) għandu jitħallas fil-15 ta’ April 2027.

(c) L-imgħax fuq it-62+ Malta Government Savings Bond – Ħruġ 2026 huwa bbażat fuq u kkalkulat bl-użu tal-konvenzjoni tal-għadd tal-ġranet ‘actual/actual’.

(d) Jekk data tal-pagament tal-imgħax taħbat f’jum mhux tan-negozju, il-pagament isir fil-jum tan-negozju li jmiss mingħajr ma’ jitħallas imgħax addizzjonali.

8. Il-Bond mhux trasferibbli

Il-Bond il-Ġdid jew kwalunkwe interess fuqu ma jistax jiġi trasferit jew assenjat lil xi individwu ieħor jew persuna ġuridika oħra jew jingħata bħala rahan, f’parti jew fl-intier kollu tiegħu. Ma hemm l-ebda suq ta’ negozju sekondarju għal dan il-Bond.

9. Ħatra ta’ Registration Manager

Il-Borża ta’ Malta p.l.c. li għandha l-uffiċċju reġistrat f’Garrison Chapel, Pjazza Kastilja, l-Belt Valletta (C42525) ġiet appuntata bħala Registration Manager sabiex tiġġestixxi r-Rollover f’isem it-Teżor.

10. Arranġamenti għar-Rollover – Data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-Applikazzjoni

(a) L-Accountant General ser jibgħat formola preskritta tal-applikazzjoni lid-detenturi eliġibbli tal-Bond li ser Jimmatura li isimhom jidher fir-Reġistru f’għeluq il-ġurnata ta’ negozju tal-4 ta’ Settembru 2026 (id-Data Cut-off) ħlief għal dawk id-detenturi li applikaw għall-ħlas bikri tal-kapital li l-pagament tagħhom li jmiss isir fil-5 ta’ Ottubru 2026.

(b) Il-formola tal-applikazzjoni ser tinkludi dettalji ewlenin bħall-ammont nominali investit fit-62+ Savings Bond tal-Gvern ta’ Malta – Ħruġ 2021, in-numru tal-kont tal-MSE, l-isem, il-kunjom, u l-indirizz tal-applikant.

(c) Detenturi li jixtiequ jġeddu l-investiment kollu, għandhom jiffirmaw l-applikazzjoni u jibagħtuha lir-Reġistratur fis-self-addressed envelope provdut mal-formola tal-applikazzjoni.

(d) Il-Formola tal-Applikazzjoni iffirmata trid tintbagħat **sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 2 ta’ Ottubru 2026.**

full five-year term of the Bond, that is from 15 October 2026 (issue date) up to the last day which immediately precedes the date of the maturity of the Bond set for 15 October 2031. The interest will be paid semi-annually in arrears on the 15 April and the 15 October in every year during the tenor of the Bond.

(b) The first semi-annual interest payment at the rate of 1.75% covering the period from the 15 October 2026 (issue date) up to the 14 April 2027 (both dates inclusive) shall be paid on 15 April 2027.

(c) Interest on the 62+ Malta Government Savings Bond – Issue 2026 is based on and computed using the ‘actual/actual’ day count convention.

(d) If an interest payment date falls on a non-business day, payment will be made on the next business day without payment of additional interest.

8. The Bond is not transferable

The New Bond or any interest thereon may not be transferred, assigned to any other individual or legal person or pledged, in whole or in part. There will be no secondary market trading for this Bond.

9. Appointment of the Registration Manager

The Malta Stock Exchange p.l.c. (MSE) having its registered office at Garrison Chapel, Castille Place, Valletta (C42525) has been appointed as the Registration Manager to manage the Rollover process on behalf of the Treasury.

10. Arrangements for the Rollover – Closing Date for the submission of the Application Form

(a) The Accountant General shall send a prescribed Application Form to eligible holders of the Maturing Bond whose name appeared on the register at close of business on 4 September 2026 (the Cut-off Date) excluding holders who have submitted an application for the early redemption of principal in the upcoming early redemption payment scheduled for 5 October 2026.

(b) The Application Form shall include key details such as the nominal amount held in the 62+ Malta Government Savings Bond – Issue 2021, the MSE account number, name, surname, and address of the applicant.

(c) Bondholders wishing to roll over their full holdings must sign the Application Form and send it to the Registrar in the self-addressed envelope provided.

(d) The Application Form duly signed is to be sent **by not later than Friday, 2 October 2026.**

(e) L-eredi ta' detentur tal-Bond li ser Jimmatura, li r-rilaxx permezz tal-proċedura Causa Mortis għadu ma ġiex konluż, ma' jistgħux jipparteċipaw fir-Rollover.

(f) Ebda applikazzjoni ma tista' tiġi rtirata wara l-ħin tal-għeluq.

(g) L-Accountant General permezz tar-Registration Manager għandu d-dritt jirrifjuta kull applikazzjoni jekk l-applikant naqas milli josserva, b'mod materjali, it-termini u l-kondizzjonijiet li jinsabu f'dan il-prospett.

11. Policy dwar l-allokazzjoni

L-applikanti eliġibbli kollha li volontarjament jaċċettaw li jġeddu l-investiment fil-Bond il-Ġdid u li l-applikazzjoni tagħhom tkun f'konformità sħiħa mat-termini u l-kondizzjonijiet tal-prospett, jiġu aċċettati kollha. Kull applikant jiġi allokat l-istess ammont nominali li kellu fil-Bond li ser Jimmatura fil-Bond il-Ġdid.

12. Metodu tal-Ħlas tal-imgħax u l-ħlas lura tal-kapital tal-Bond il-Ġdid

(a) Kull xorta ta' ħlasijiet relatati ma' dan il-Bond, inklużi:

(i) ħlasijiet ta' mgħax kull sitt (6) xhur,
(ii) ħlas lura bikri tal-kapital, u
(iii) fidwa tal-Bond fid-data tal-maturità tiegħu,

isiru permezz ta' kreditu bankarju permezz tal-iskema Single Euro Payments Area (SEPA) fl-aħħar IBAN hekk kif irreġistrat fir-Reġistru tal-Bond li ser Jimmatura fid-Data Cut-off. Sussegwentament l-IBAN jista' jinbidel permezz ta' avviż bil-miktub lid-Depożitarju Ċentrali tat-Titoli (CSD) tal-Borża ta' Malta.

(b) It-Teżor ma jimponix tariffa meta jagħmel il-ħlasijiet, madanakollu l-bank tal-benefiċjarju jista' jimponi xi tariffa meta jirċievi fondi li l-valur tagħhom jeċċedu ċertu ammont. L-Accountant General mhux responsabbli għal xi tariffi bankarji li jistgħu jirriżultaw mill-ħlasijiet ta' kull tip relatati ma' dan il-Bond.

13. Taxxa

(a) L-imgħax mgħoddi mill-Bond hu ntaxxat skont id-dispożizzjonijiet dwar id-dħul minn investimenti taħt l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income (Kap.123 tal-Liġijiet ta' Malta).

(b) L-għażla tat-taxxa marbuta mal-Bond il-Ġdid ser tkun l-aħħar għażla tat-taxxa reġistrata fir-Reġistru tat-62+ Savings Bond tal-Gvern ta' Malta – Ħruġ 2021 fid-Data Cut-off. Sussegwentament l-għażla tat-taxxa tista' tinbidel permezz ta' avviż bil-miktub lid-Depożitarju Ċentrali tat-Titoli (CSD) tal-Borża ta' Malta.

(e) The heirs of the Maturing Bond holder whose release through the Causa Mortis procedure has not yet been concluded may not participate in the Rollover.

(f) All applications are irrevocable after the closing time.

(g) The Accountant General acting through the Registration Manager has the right to reject any application that fails to comply materially with the terms and conditions of this prospectus.

11. Allocation Policy:

All eligible applicants who voluntarily accept to roll over their holdings onto the New Bond and whose application fully conforms to the terms and conditions set out in this Prospectus, will be accepted in full. Each applicant will be allocated a nominal amount in the New Bond equal to the amount held in the Maturing Bond.

12. Method of payment of interest and repayment of principal of the New Bond

(a) All payments related to the Bond, including:

(i) semi-annual interest payments,
(ii) early repayment of principal, and
(iii) redemption of the Bond on its maturity date,

shall be made by direct credit transfer through the Single Euro Payments Area (SEPA) scheme using the IBAN registered for the Maturing Bond as at Cut-Off Date. The IBAN may be subsequently changed by giving notice in writing to the Central Securities Depository (CSD) of the Malta Stock Exchange.

(b) The Treasury does not charge for sending payments; however, the recipient banks may apply charges for incoming funds exceeding specific thresholds. The Accountant General disclaims responsibility for such charges.

13. Tax

(a) The interest earned from the bond is taxed under the investment income provisions of the Income Tax Act (Cap. 123 of the Laws of Malta).

(b) The tax option applied to the New Bond shall be the most recent tax election recorded in the register of the 62+ Malta Government Savings Bond – Issue 2021 as at the Cut-off Date. This option may be changed by giving notice in writing to the Central Securities Depository (CSD) of the Malta Stock Exchange.

(c) Kull sena, l-Accountant General għandu jagħti (i) rendikont lill-Kummissarju tat-Taxxa u Dwana ta' Malta tal-ammonti kollha ta' imgħax imħallsa u t-taxxa mnaqqsa (jekk ikun il-każ) kif ukoll l-identità tar-riċevitur.

14. Fidwa bikrija u kanċellament

(a) Detenturi tal-Bond jistgħu jiġbdu l-ammont sħiħ tal-Bond qabel id-data tal-maturità soġġett għall-ħlas ta' penali għall-fidwa bikrija tal-kapital skont it-termini ta' paragrafu 16 aktar 'l isfel. Applikazzjonijiet biex tinġibed parti mis-somma nvestita ma jiġux aċċettati.

(b) It-talbiet għal fidwa bikrija għandhom isiru fuq il-formola preskritta li tista' titniżżel minn fuq is-sit elettroniku tat-Teżor u tintbagħat lid-Dipartiment tat-Teżor. Il-pagamenti tal-fidwa bikrija tipikament isiru fil-ħames (5) jum ta' kull xahar. L-applikazzjoni li tasal qabel il-bidu tal-aħħar ġimgħa tax-xahar (id-Data Cut-off), titħallas madwar il-ħames (5) jum tax-xahar ta' wara. Applikazzjonijiet li jaslu fil jew wara l-bidu tal-aħħar ġimgħa ta' kwalunkwe xahar ma jiġux ipproċessati għall-ħlas fix-xahar ta' wara, iżda l-ħlas isir madwar il-ħames (5) jum tax-xahar sussegwenti.

(c) Talbiet għall-fidwa bikrija minn detenturi tal-Bond huma irrevokabbli u ma jistgħux jiġu rtirati wara li jiġu sottomessi u waslu għand l-Accountant General.

(d) Il-Bonds li jinfdew qabel id-data tal-maturità tal-Bond kif speċifikat f'dan il-paragrafu u f' paragrafu 17 jiġu kanċellati.

15. Il-komputazzjoni tal-imgħax akkumulat fil-każ ta' ħlas bikri tal-kapital

(a) Meta d-detentur jirtira l-kapital qabel id-data tal-ewwel ħlas ta' mgħax, id-detentur ikun intitolat għall-imgħax mid-data tal-ħruġ tal-Bond sal-aħħar ġurnata li tiġi minnufih qabel id-data li fiha jsir il-ħlas lura.

(b) Meta d-detentur jirtira l-kapital qabel id-data tal-maturità iżda wara d-data tal-ewwel ħlas ta'mgħax, id-detentur ikun intitolat għall-imgħax mid-data tal-aħħar ħlas ta' mgħax sal-aħħar ġurnata li tiġi minnufih qabel id-data li fiha jsir il-ħlas bikri tal-kapital.

16. Penali għal fidwa bikrija

(a) Ħlief fejn japplika s-sub-paragrafu 17 (c) għandha tiġi mnaqqsa penali ekwivalenti għall-tliet (3) xhur imgħax gross fuq il-kapital mħallas lura, bir-rata ta' mgħax tal-Bond li hija ta' 3.50% fis-sena.

L-ammont tal-penali dovut għall-fidwa bikrija jinħadem bl-użu tal-konvenzjoni tal-għadd tal-ġranet ta' sena ta' 360 (tliet mija u sittin) jum u xahar ta' 30 (tletin) jum.

(c) Each year, the Accountant General will (i) report to the Commissioner for Tax and Customs all interest paid, tax deducted (if any) and the identity of the recipients.

14. Early redemptions and cancellation

(a) Bondholders may redeem the full amount of the Bond before its maturity date subject to a penalty for early redemption as set out in paragraph 16 below. Partial withdrawals are not permitted.

(b) Requests for early redemption must be made on the prescribed form, available on the Treasury's website and submitted to the Treasury Department. Payments for early redemptions are typically made on the 5th day of each month. Applications received before the start of the last week of the month (the Cut-Off Date), will be paid around the 5th day of the following month. Applications submitted on or after the start of the last week of any month will not be processed for payment in the following month, but payment will be scheduled for around the 5th day of the subsequent month.

(c) Bondholders' requests for early redemptions cannot be withdrawn once received by the Accountant General.

(d) The Bonds redeemed before the maturity date as specified in this paragraph and in paragraph 17 will be cancelled.

15. Calculation of accrued interest on early redemption

(a) When the bond is redeemed before the first interest payment date, the bondholder shall be entitled to interest from the issue date to the day before the repayment date.

(b) When the bond is redeemed after the first interest payment date, but before the maturity, the bondholder is entitled to interest from the last interest payment date up to the day before the early repayment date.

16. Penalty for early redemption

(a) Except where sub-paragraph 17 (c) applies, a penalty, equivalent to three (3) months' gross interest on the principal withdrawn, at the interest rate of the Bond, of 3.50% per annum, will be applied.

The amount due by way of penalty for early redemption is based on and computed using the day count convention of a year of 360 (three hundred and sixty) days and a month of 30 (thirty) days.

(b) Il-formula għall-kalkolu u applikazzjoni tal-penali tkun kif ġej:

$$\text{Ammont tal-Penali} = \frac{K \times R \times 3}{12}$$

Fejn: K huwa l-kapital mifdi; u

R hija r-rata ta' 3.50% mgħax fis-sena li l-Bond qiegħed jgħaddi.

Bħala eżempju, detentur ta' Bond li nvesta l-ammont massimu permissibbli ta' €10,000 li jagħżel li jifdi l-Bond qabel id-data stabbilita tal-maturità tal-Bond jeħel penali ta' €87.50.

(c) Jekk l-imgħax akkumulat ma jkunx biżżejjed biex ikopri l-penali, l-ammont dovut li jibqa', jinqata' mill-kapital. Jekk detentur ta' Bond jiżbanka l-Bond fl-ewwel tliet xhur mill-bidu tiegħu, id-detentur tal-Bond jieħu lura inqas minn dak investit oriġinarjament.

17. Talba għall-ħlas lura tal-Bond permezz tal-proċedura tal-Causa Mortis

(a) Il-Bond ma jiġix trasferit lill-werrieta, iżda minflok jitħallas kollu lura lilhom skont id-disposizzjonijiet tat-testment. Talbiet għall-żbank li ma jkoprix l-ammont nominali kollu tal-Bond li kellu l-mejjet ma jiġux milqugħa. Ma' dan il-ħlas, il-kont tal-mejjet jingħalaq u l-Bond jiġi kkanċellat.

(b) Jekk in-notifika tal-mewt tad-Detentur tal-Bond taħbat qabel id-data tal-maturità tal-bond, il-kont jitqiegħed on hold. Il-Bond jibqa' jagħddi l-imgħax sal-jum li jiġi minnufih qabel id-data li fiha jitħallas lura kollu lill-werrieta (benefiċjarji) taħt il-proċedura ta' Causa Mortis, sakemm dak il-ħlas lura jseħħ qabel id-data tal-fidwa tal-Bond.

(c) l-ebda imgħax ma jibqa' jakkumula jew jitħallas wara d-data tal-fidwa tal-Bond

(d) Ma tiġi imposta ebda penali meta l-Bond jitħallas lura qabel il-maturità tiegħu lill-benefiċjarji tad-detentur tal-Bond li jkun miet, permezz tal-proċedura Causa Mortis.

18. Fidwa

It-62+ Savings Bond tal-Gvern ta' Malta – Ħruġ 2026 għandu jinfeda b'parità fil-15 ta' Ottubru 2031.

19. Id-Data Cut-Off għall-emendi fir-reġistru

Ir-reġistru jingħalaq għal perjodu ta' għaxart (10) ijiem immedjatament qabel kull data li fiha jkun dovut l-imgħax

(b) The formula for calculation of the penalty is as follows:

$$\text{Penalty Amount} = \frac{P \times R \times 3}{12}$$

Where: P is the principal amount withdrawn; and

R the annual interest rate of 3.50% the Bond is earning.

By way of example, a Bondholder who invested the maximum amount permissible of €10,000 who opts for early redemption of the Bond will incur a penalty of €87.50.

(c) If accrued interest is insufficient to cover the penalty, the shortfall will be deducted from the principal. If a Bondholder encashes the Bond within the first three months of its commencement, the Bondholder will get back less than originally invested.

17. Claim for encashment through transmission Causa Mortis

(a) The Bond shall not be transferred to the heirs, but shall instead be repaid in full and the proceeds thereof shall be paid to them in accordance with the provisions of the will. Claims for part encashment of the nominal amount of the bond held by the deceased will not be entertained. Upon such payment, the account of the deceased shall be closed and the Bond shall be cancelled.

(b) If the notification of the death of a Bondholder occurs before the maturity date of the bond, the account is put on hold. The Bond shall continue to earn interest until the day immediately preceding the date on which it is repaid in full to the heirs (beneficiaries) under the Causa Mortis procedure provided that such repayment occurs prior to the maturity date of the Bond.

(c) No interest shall accrue or be payable after the maturity date of the Bond.

(d) No penalty will apply for early repayment of the Bond under the Causa Mortis procedure.

18. Maturity

The 62+ Malta Government Savings Bond – Issue 2026 shall be redeemed at par on the 15 October 2031.

19. Cut-off date for amendments in the register

The register shall be closed for a period of ten (10) days immediately preceding each date upon which the semi-annual ta’ kull sitt (6) xhur, u ebda emenda bħal, (i) tibdil fl-indirizz, (ii) l-għażla tat-taxxa u (iii) tibdil tal-kont bankarju fejn isir il-pagament tal-imgħax ma tista’ tiġi reġistrata matul dan iż-żmien.

interest falls due and no amendments such as, change of (i) address, (ii) tax option and (iii) bank account details, shall be made during this period.

20. Sigurtà

Il-kapital u l-ħlasijiet ta’ mgħax ta’ dan il-Bond jiġu addebitati lill-fond konsolidat u fondi oħra pubbliċi tal-Gvern ta’ Malta.

20. Security

The principal and the interest payments thereon of the Bond will be a charge on the consolidated fund and other public funds of the Government of Malta.

21. Avviż ta’ reġistrazzjoni u dikjarazzjonijiet oħra

Mar-reġistrazzjoni, id-detenturi tal-Bond jirċievu avviż ta’reġistrazzjoni mill-Borża ta’ Malta permezz tal-posta normali jew permezz tas-sistema elettronika nterna tal-Borża ta’ Malta amministrata minnha.

Id-detenturi tal-Bond għandhom jeżaminaw l-avviż u jirrappurtaw kull diskrepanza lill-Accountant General kemm jista’ jkun malajr. Id-detenturi tal-bonds huma responsabbli biex iżommu dokumenti marbuta ma’ dan il-Bond f’post sigur.

21. Registration advice and other statements

Upon registration of the Bond, Bondholders will receive a registration advice from the Malta Stock Exchange (MSE) through normal post or through the MSE’s internal electronic system managed by the MSE.

Bondholders should check the registration advice and report any discrepancies to the Accountant General immediately. Bondholders are responsible for keeping documents related to this Bond secure.

22. Preskrizzjoni

It-talbiet fuq dan il-Bond isiru preskritti sakemm ma jiġux ippreżentati għall-ħlas fi żmien sitt (6) snin mid-data tal-maturità tal-Bond.

22. Prescription

Claims on this Bond will become prescribed unless presented for payment within six (6) years from the maturity date of the Bond.

23. Klawsoli dwar protezzjoni tad-data

L-Accountant General jiggarantixxi li kull data personali li d-detentur jista’ jkun ipprovda fuq il-Formola tal-Applikazzjoni tiġi proċessata skont l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (Kap. 586 tal-Liġijiet ta’ Malta) u l-leġislazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Data – GDPR (REGOLAMENT (UE) 2016/679) fis-seħħ waqt l-ipproċessar tad-data.

Data personali miġbura minn fuq il-formola tal-applikazzjoni, tinżamm mill-Accountant General għal sitt (6) snin minn wara d-data tal-fidwa tat-62+ Savings Bond tal-Gvern ta’ Malta – Ħruġ 2026. Madanakollu, data li tkun meħtieġa għall-finijiet ta’ xi proċess ġudizzjarju jew minn awtoritajiet amministrattivi, tinżamm għall-perjodu kif stipulat fl-Atti rispettivi jew skont il-leġiżlazzjoni relevanti.

Barra minn hekk, id-data personali tad-detentur hekk kif tkun imniżżla fuq il-formola tal-Applikazzjoni tingħata lir-Registration Manager maħtur mill-Accountant General sabiex jiġġestixxi r-Rollover tat-62+ Savings Bond tal-Gvern ta’ Malta – Ħruġ 2026 f’isem it-Teżor kif ukoll lir-Reġistratur appuntat mid-Dipartiment tat-Teżor sabiex f’ismu jżomm ir-reġistru. Id-data personali tkun soġġetta għall-Policy dwar il-Privatezza tad-Data tar-Registration Manager kif ukoll tar-Reġistratur.

23. Data protection clauses

The Accountant General guarantees that any personal data the bondholder may provide in the Application form will be processed in accordance with the requirements of the Data Protection Act (Cap. 586 of the Laws of Malta) and the EU legislation on Data Protection – GDPR (Regulation (EU) 2016/679) in force at the time of data processing.

Personal data collected in the application form will be retained by the Accountant General for six (6) years after the maturity date of the 62+ Malta Government Savings Bond – Issue 2026. However, data required to satisfy judicial or administrative authorities will be held for the period stipulated in the respective Acts and other relevant legislation.

Moreover, the personal data of a bondholder as submitted in the application form will be passed on to the Registration Manager appointed by the Accountant General to manage the Rollover of the 62+ Malta Government Savings Bond – Issue 2026 on his behalf as well as to the Registrar authorised to maintain the register on his behalf. The personal data will be subject to the Registration Manager’s and the Registrar’s data protection policy.

24. Liġi applikabbli

Il-leġislazzjoni rilevanti li taħtha qed jinħareġ dan il-Bond hi (a) l-Att dwar Self tal-Gvern u Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku (Kap. 575 tal-Liġijiet ta' Malta) u (b) ir-Regolamenti dwar ir-Retail Savings Bonds tal-Gvern ta' Malta u (c) l-Att li jimplimenta Miżuri tal-Estimi (Kap. 655).

25. Ġurisdizzjoni

Il-post tal-ġurisdizzjoni esklużiva għal kull proċedura legali li tinbeda taħt it-62+ Savings Bond tal-Gvern ta' Malta – Ħruġ 2026 huwa Malta.

26. Dettalji ta' kuntatt

Investituri jistgħu jiksbu aktar informazzjoni dwar ir-Rollover u dwar Titoli tal-Gvern oħra billi jagħmlu kuntatt mad-Dipartiment tat-Teżor permezz ta' wieħed mid-dettalji ta' kuntatt elenkati hawn taħt:

Indirizz: Dipartiment tat-Teżor, Development House,
Livell 2-3, Triq Sant'Anna, Il-Furjana.
Telefon: 2596-7125
E-mail: treasury.malta@gov.mt
Sit elettroniku: www.treasury.gov.mt

It-18 ta' Settembru 2026

24. Governing Law

The relevant legislation under which this Bond is being issued are (a) The Government Borrowing and Management of Public Debt Act (Cap. 575 of the Laws of Malta) (b) the Malta Government Retail Savings Bonds Regulations and (c) Budget Measures Implementation Act, (Cap. 655).

25. Jurisdiction

Exclusive place of jurisdiction for any legal proceedings arising under the 62+ Malta Government Savings Bond – Issue 2026 is Malta.

26. Contact Details

Investors can obtain further information on the Rollover and on other Government Securities by contacting the Treasury Department through one of the below listed contact details:

Address: Treasury Department, Development House,
Level 2-3, St. Anne Street, Floriana.
Telephone: 2596-7125
E-mail: treasury.malta@gov.mt
Website: www.treasury.gov.mt

18th September, 2026